# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 67/2008

## tas-6 ta' Ġunju 2008

## li temenda l-Anness XI (is-Servizzi tat-Telekomunikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) l-Anness XI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 11/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 ([1]).

(2) id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/804/KE tas-6 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/627/KE li tistabbilixxi l-Grupp Regulatorju Ewropew għan-netwerks u s-Servizzi ta' Komunikazzjoni Elettroniċi ([2]) għandu jkun inkorporat mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5ci (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE) ma' l-Anness XI tal-Ftehim:

"— **32007 D 0804**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/804/KE tas-6 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 323, 8.12.2007, p. 43)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2006/804/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Alan SEATTER

([1]) ĠU L 154, 12.6.2008, p. 23.
([2]) ĠU L 323, 8.12.2007, p. 43.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.